# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-11 ta' Ottubru 2021

**Rikors Numru : 128/2021 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**AA**

**Vs**

**MA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AA datat 26 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fil-Knisja ta' San Piju X fil-parocca ta' Santa Lucija nhar l-erba' u ghoxrin jum ta' Settembru tas-sena disa' mija disa u disghin (24.09.1999) hekk kif evidenzjat mill-anness estratt tal-Att taz-Zwieg hawn immarkat bhala "Dok AA1";*

2. *Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet ghandhom bint bl-isem ta' NA, li twieldet nhar X u li ghalhekk ghadha minuri;*

3. *Illi b'kuntratt ipubblikat fl-*atti tan-Nutar Josef C. Masini LL.D. fil-hdax *il-jum ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (11.03.2019) liema kuntratt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok AA2', il-partijiet bonarjament isseparaw minn xulxin u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti, dan kollu wara li gew debitament awtorizzati mill-*Qorti *ta' Malta b'digriet moghti mill-*Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) *tat-tmienja u ghoxrin ta' Frar tas-*sena elfejn u dsatax (28.2.2019)*;*

4. *Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-*

*Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

i. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u dan kif dikjarat fl-ahhar paragrafu tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

iii. *Illi ai termini tal-klawzoli bin-numri tlieta (3) u erbgha (4) tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala 'Dok.AA2' l-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-manteniment reciproku, u ghalhekk, l-ebda manteniment m'hu dovut f'dan ir-rigward;*

iv. *Illi ai termini tal-klawzola numru tmienja (8) tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala 'Dok AA2', fir-rigward tal-manteniment ghall-wild, l-esponenti obbliga ruhu li jhallas lill-intimata s-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar. F'dan ir-rigward irid jinghad li wara rikors tal-esponenti sabiex jigi ippronunzjat id-divorzju li sar fis-sena 2019, l-Onorabbli Qorti, f'sentenza fl-istess ismijiet (rikors numru 380/2019JPG) li nghatat fit-3 ta' Novembru, 2020, l-Onorabbli Qorti iddecidiet li "sakemm l-attur ihallas u jissalda l-manteniment dovut lil martu, ghan-nom tat-tifla taghhom – u cioe is-somma ta' €3850, il-Qorti ma tistax taghmel altru hlief tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba." Jinghad li minn dakinhar l-ammont kollha gie saldat u ma hemmx kwistjonijiet bejn il-partijiet dwar manteniment.*

5. *Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66N (1)(a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom residenza taghhom f'Malta;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti qed jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat mill-partijiet fil-Knisja ta' San Piju X fil-parocca ta' Santa Lucija nhar l-erba u ghoxrin jum ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disghin (24.09.1999);*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MA, datata 29 ta' April 2021, a fol 17 li taqra hekk:

*Illi hija giet notifikata bir-rikors promotur mibghut mir-rikorrenti u qieghda twiegeb ghalih fiz-zmien stipulat mill-ligi;*

*Illi hija taqbel mal-kontenut tal-istess rikors inkluz mal-fatt illi ma ghadx hemm kwistjonijiet ta' manteniment pendenti bejn il-partijiet;*

*Illi hija tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe P;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti taht dawk il-provvedimenti kollha illi din l-istess qorti jidhrilha xierqa u opportuni, filwaqt illi tordna illi hija tirreverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe P.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MA** xehdet (vide affiavit fol 15 ) illi hija taqbel mal-fatti imnizzla fir-rikors promotur maghmul mill-attur AA. Ikkonfermat illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment. Sostniet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u talbet sabiex din il-Qorti tilqa t-talbiet attrici.

**AA** xehed (vide affidavit fol 20) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-24 ta' Settembru 1999, liema zwieg jgib certifikat numru 1783/1999 (Vide certifikat taz-zwieg Dok AA1). Minn dan iz-zwieg

twieldet tifla li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Josef Masini, datat 11 ta' Marzu 2019 (vide Dok. AA2 fol 5 et seqq.). Di piu', mill-atti u dikjarazzjonijiet tal-partijiet jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati de facto mill-1 ta' Novembru 2016, (vide fol 2 tal-kuntratt tas-separazzjoni, fol 5 tal-process), ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separate ghal aktar zmien minn dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu', qieset it-talba tal-intimata sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe 'P',

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1783/1999 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-intimata sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe P u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**